

31986D0571

L 337/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

29.11.1986

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tal-15 ta' Settembru 1986****dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja bħala konsegwenza ta' l-adeżjoni fil-Komunità tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża**

(86/571/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi huwa neċessarju li jiġi approvat il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ⁽¹⁾ iffirmit fi Brussel fl-14 ta' Mejju 1973, sabiex jieħu in konsiderazzjoni l-adeżjoni fil-Komunità tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja bħala konsegwenza

ta' l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża mal-Komunità qiegħed hawnhekk jiġi approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika msemija f'Artikolu 18 tal-Protokoll ⁽²⁾.*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fil-15 ta' Settembru 1986.

*Għall-Kunsill**Il-President.*

G. HOWE

⁽¹⁾ ĠU L 171, tas-27.6.1973, p. 2.⁽²⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll trid tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.